FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

21 ta' Awwissu 2009

**Minuti tat-Tlieta u Tletin (33) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tlieta u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009 fil-5.30pm**.

It-Tlieta u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. Xogholijiet ta' patching
6. Ipparkjar ta' vetturi fuq il-bankini
7. Zjara tas-Socjeta Filarmonika Vilhena f'Macerata
8. Sotto-kumitat ghall-Ambjent, Indafa u Infrastruttura
9. Kunsill Lokali tat-Tfal
10. Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna
11. Kuncert "Isle of MTV"
12. Ghazla ta' Kwotazzjonijiet/Offerti:
    a. FLC/T/04/09 – Kostruzzjoni tal-bazi ghall-arblu fi Pjazza Sant'Anna
    b. FLC/Q/08/09 – Provvista ta' PA System
    c. FLC/Q/10/09 – Provvista ta' materjal tal-hadid
    d. FLC/Q/11/09 – Provvista ta' materjal tal-elettriku
    e. FLC/Q/12/09 – Installazzjoni ta' tizjin tal-Milied provdut mill-KLF
    f. FLC/Q/13/09 – Servizz ta' Accountancy
    g. FLC/Q/14/09 – Stampar tal-Magazin Evergreen
    h. FLC/Q/15/09 – Provvista u twahhil ta'
13. Attivita' tal-Kunsill Lokali Floriana/Floriana Young Stars Hockey Club
14. Bankini fi Triq il-Miratur
15. Attivitajiet fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V fix-xhur tas-Sajf
16. Xiri ta' Automated External Defibrillator
17. Hwejjeg ohra

Ghat-Tlieta u Tletin (33) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Brian Zammit u l-kunsillier Edward Torpiano flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat. Is-Sindku Nigel Holland attenda wara materja no 13. Il-kunsilliera Sandra Sammut Hili kienet skuzata minhabba ragunijiet ta' sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mill-Vici-Sindku Franco Davies.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tnejn u tletin (32) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:
Favur: 3 (FD, ET, BZ)
Kontra: 0
Astensjonjiet: 0

## 2. Komunikazzjonijiet mill-Vici-Sindku

2.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand is-Socjeta Filarmonika Vilhena fejn informa lill-Kunsill li l-ispiza tal-banda fic-cerimonja f'gheluq is-Sena Pawlina hija ta' €932. Il-Kunsill approva.

2.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Amateur F.C. fejn bhas-sena l-ohra talbu lill-Kunsill Lokali biex jaghmlu attivita' kongunta bl-isem "Presentation Night" flimkien bis-sehem tal-Kunsill ittella spiza ta' mhux aktar minn €700. Il-Kunsill approva unanimament dejjem jekk id-data ma tahbatx ma' xi avveniment iehor.

2.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza minghand il-J.S. Productions fejn talbu permess lill-Kunsill Lokali biex jittella' cirku f'Belt il-Hazna. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni dejjem jekk l-organizzatur jitlob il-permessi necessarji u l-*clearance* mill-ADT peress li s-sit inkwistjoni huwa uzat mill-ADT bhala parti mis-sit tal-Park and Ride.

2.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza mill-Comune di Macerata fejn il-Kunsill gie mistieden jiehu sehem fi progett iehor tal-Unjoni Ewropea, taht il-programm Youth in Action, fejn il-Kunsill jibghat ghaxar zghazagh biex jippartecipaw f'dan il-progett. Il-Kunsill qabel fil-principju li japplika ghal dan il-progett.

2.5 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq korrispondenza mill-Gazzetta "il-Furjana" fejn ipproponew lill-Kunsill biex isir progett konguntament li jinvolvi harga specjali tal-gazzetta u biex issir lapida kommemorattiva li tfakkar il-merhba li nghatat il-vara ta' San Publju fil-Belt Valletta, fejn l-ispiza sehem il-Kunsill tammonta ghal madwar €950. Il-Kunsill qabel fil-principju li japprova dan il-progett izda jonqos li il-Kunsill japprova il-kontenut tal-lapida kif ukoll tal-gazzetta.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Minhabba li s-Sindku ma kienx prezenti ghal din il-materja, ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **28/05 A-B-C** , li gew iccirkolati

minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Il-Kunsill qabel li l-pagament numru 7853 jkun apporvat sakemm jkun hemm konferma mill-perit inkarigat mill-Kunsill Lokali Floriana dwar diskussjonijiet li kellhom isiru flimkien mal-ADT.

4.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti, bir-rizultat:

Favur: 3 (FD, ET)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 1 (BZ)

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Vici-Sindku Franco Davies, mill-Kunsillier Edward Torpiano u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Il-Kunsill qabel unanimament biex tinbidel l-ordni tal-agenda billi jigi diskussi materji nru 13 u 15 qabel il-materji kif imnizzla fuq l-agenda.**

## 13.0 Attivita' Kunsill Lokali Floriana/Floriana Young Stars Hockey Club

13.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li hemm nahsub biex issir attivita' kongunta mal-Floriana Young Stars Hockey Club.

13.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano kompla jinforma lill-Kunsill f'laqgha li kien hemm mal-Floriana Young Stars Hockey Club, kien gie propost biex sehem il-Kunsill ikun ta' €932.

13.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jalloka is-somma ta' €932 ghal din l-attivita' li ser issir konguntament mal-Floriana Young Stars Hockey Club, izda peress li ma kien hemm l-ebda sekondant din il-mozzjoni giet meqjusa bhala nulla.

13.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Franco Davies u ssekondata mill-Kunsillier Brian Zammit, ittiehed vot biex is-somma allokata ghal din l-attivita' tkun l-istess bhal dik allokata ghall-attivita' li ser issir ma' Floriana Ajax Amatuer FC, jigifieri ta' €700, bir-rizultat:

Favur: 2 (FD, BZ)
Kontra: 1 (ET)
Astensjonijiet: 0

13.4 Ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali ghandu jorganizza l-attivita' mal-Floriana Young Stars Hockey Club fejn sehem il-Kunsill m'ghandhiex taqbez il-€700.

**Nota: F'dan l-istadju tal-laqgha attenda s-Sindku Nigel Holland u kompla jippresiedi l-laqgha minflok il-Vici-Sindku Franco Davies.**

## 15.0 Attivitajiet fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V fix-xhur tas-Sajf

**Nota: F'dan l-istadju tal-laqgha, il-Kunsillier Brian Zammit talab li jkun skuzat**.

15.1 Il-Vici-Sindku Franco Davies fetah id-diskussjoni billi ssuggerixxa biex il-Kunsill ittella' numru ta' attivitajiet ta' divertiment bit-titlu "Iljieli Sajfin" darba fil-gimgha gewwa c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

15.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies kompla jghid li l-Kunsill ghandu jirriklama dawn l-attivitajiet permezz ta' posters kif ukoll fuq stazzjonijiet tar-radju. Il-Vici-Sindku Franco Davies ta d-dettalji tal-programm tal-attivitajiet, liema programm gie iccirkolat permezz ta' memo interna, u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn l-attivitajiet isiru bi spiza totali ta' € 500.

15.3 Il-Kunsill approva nem.con il-programm tal-attivitajiet kif ukoll l-ispiza involuta ta' €500.

## 5.0 Xogholijiet ta' Patching

5.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi stieden lis-Segretarju Ezekuttiv iressaq l-istimi tal-kuntrattur dwar xoghol ta' patching estensiv fi Triq is-Suq u fi Pjazza Robert Samut.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta dawn l-istimi li jammontaw ghal rispettivament.

5.3 Il-Kunsill approva dawn l-istimi ghalkemm ghad irid jivverifika liema parti ta' Triq is-Suq qed jigi propost li jsir ix-xoghol peress li jidher li l-istima qed tirreferi ghaz-zona bejn it-tarag li jaghti ghal Triq Sant'Anna u Triq San Frangisk, meta hemm bzonn li ssir il-parti ta' bejn Triq Macerata u Triq l-Imhazen.

## 6.0 Ipparkjar ta' vetturi fuq bankini

6.1 Is-Sindku Nigel Holland spjega li huwa ressaq din il-materja fuq l-agenda peress li kellu talbiet minn diversi residenti biex certu toroq dojoq ikun permessibli li jipparkjaw vetturi fuq bankini.

6.2 Wara li l-Kunsill iddiskuta fid-dettal din il-materja, gie deciz b'mod unanimu biex il-Kunsill m'ghandhux jiehu azzjoni kontra min jipparkja fuq il-bankini fi Trejqet l-Imhazen, Trejqet il-Fosos u fi Triq Antonio Agius minhabba li dawn it-tliet toroq huma dojoq immens.

6.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza wkoll ghal citazzjoni partikolari li nharget minhabba din ir-raguni msemmija hawn fuq. Il-Kunsill qabel nem.con biex isiru l-proceduri biex din il-kontravvenzjoni tigi kkancellata.

## 7.0 Zjara tas-Socjeta Filarmonika Vilhena f'Macerata

7.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn fakkar li l-Kunsill Lokali Floriana gie mistieden biex itella' banda iddoqq gewwa Macerata, Italja.

7.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jikkummissjona lilll-Banda Filarmonika Vilhena f'Macerata biex tirraprezenta lill-lokalita' u titla' ddoqq gewwa Macerata, liema spiza m'ghandiex taqbez il-€4650.

7.3 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland kif imsemmi f'7.2, u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur din il-mozzjoni, bir-rizultat:

Favur: 3 (NH, FD, ET)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.4 Ghaldaqstant, il-Kunsill approva biex ihallas is-somma ta' €4650 lis-Socjeta Filarmonika Vilhena tas-servizz ta' banda gewwa Macerata, Italja.

## 8.0 Sotto-Kumitat ghall-Ambjent, Indafa u Infrastruttura

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni dwar din il-materja billi fakkar lill-Kunsill fid-decizjoni li jigi ffurmat is-Sotto-Kumitat ghall-Ambjent, Indafa u Infrastruttura.

8.2 Is-Sindku kompla id-diskussjoni billi informa lill-Kunsill li wara sejha pubblika, il-Kunsill ircieva nomina wahda, dik mis-Sur Noel Galea Basin li wera' interess jaghmel parti minn dan is-sotto-kumitat.

8.3 Il-Kunsill approva din in-nomina b'mod unanimu.

## 9.0 Kunsill Lokali tat-Tfal

9.1 Is-Sindku Nigel Holland spjega li din il-materja tressqet fuq l-agenda biex jinforma lill-Kunsill, li l-Kunsill ircieva zewg nomini ohrajn ghall-Kunsill Lokali tat-tfal. Dawn huma is-Sinjorina Jade Schembri u s-Sur Julian Sultana.

9.2 Il-Kunsill approva n-nomina ta' dawn iz-zewgt'itfal b'mod unanimu, biex b'hekk il-Kunsill tat-Tfal issa huwa ffurmat b'mod totali peress li ghandu 5 membri.

## 10.0 Lejliet l-Ewwel tas-Sena

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi semma li lill-Kunsill ghandu bzonn jiehu decizjoni malajr dwar din l-attivita'.

10.2 Il-Kunsill qabel li minhabba li l-ispiza ta' din l-attivita' hija ghalja skond s-sejha tal-offerti, ghandu jistaqsi lill-organizzatur jekk huwiex possibli li jittella' stage wiehed biss li fuqu jesibixxu l-kantanti.

10.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jsejjah laqgha urgenti tas-Sotto-kumitat Organizzattiv tac-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna biex flimkien mal-organizzatur ikun jista' jintlahaq ftehim biex jitnaqqsu xi affarijiet halli jitnaqqas l-ammont tal-ispiza.

## 11.0 Isle of MTV

11.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-kunsillier Edward Torpiano biex jinforma lill-Kunsill dwar il-laqgha li kellu dwar din l-attivita'.

11.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li ghal-laqgha kien hemm prezenti l-Pulizija kif ukoll mal-organizzaturi tal-MTV. Fil-qosor il-Kunsillier Edward Torpiano semma li fl-opinjoni tieghu l-Pulizija hadu prekawzjonijiet ma' residenti partikolari biss b'diskriminazzjoni ma' residenti ohrajn.

11.3 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li huwa baghat ir-ritratti ta' hsarat li saru matul dan l-avveniment, lill-organizzaturi li izda baqa' bla risposta dwar kif din il-hsara ser tigi rimejdata. Il-Kunsill iddecieda li ghandu jinzamm id-depozitu li ntalab qabel l-avveniment biex jaghmel tajjeb ghall-hsarat u ghandu jinforma minnufih lill-organizzaturi.

## 12.0 Ghazla ta' Kwotazzjonijiet

### 12.1 FLC/T/04/09 – Kostruzzjoni tal-bazi ghall-arblu fi Pjazza Sant'Anna

12.1.1 Il-Kunsill ircieva kwotazzjoni wahda minghand Asfaltar Construction Ltd.
12.1.2 Wara li tressaq ir-rapport ta' aggudikazzjoni mill-perit tal-Kunsill, il-Kunsill iddecieda biex

jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-perit, billi jitlob lill-kuntrattur jirrevedi l-prezzijiet ta' certu *items*.

## 12.2 FLC/Q/08/09 – Provvista ta' PA System

12.2.1 Il-Kunsill ircieva tliet kwotazzjonijiet minghand Melita Power Services, The Sound System u Alberta Fire & Security Ltd.

12.2.2 Peress li fl-ahhar laqgha, il-Kunsill kien talab rapport tekniku, u dan ir-rapport kien ghadu ma wasalx, il-Kunsill qabel li ghandu jistenna sakemm isir dan ir-rapport qabel tittiehed decizzjoni.

## 12.3 FLC/Q/10/09 – Provvista ta' materjal tal-hadid

12.3.1 Il-Kunsill ircieva zewg kwotazzjonijiet minghand Schembri Barbros u minghand DIS Group of Companies.

12.3.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-ghazla tal-kwotazzjoni ta' DIS Group of Companies peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat:

Favur: 3 (NH, FD, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 12.4 FLC/Q/11/09 – Provvista ta' materjal tal-elettriku

12.4.1 Il-Kunsill kellu zewg kwotazzjonijiet minghand Electrical Supplies & Services Ltd. u minghand E. Calleja & Sons.

12.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-ghazla tal-kwotazzjoni ta' E. Calleja & Sons peress li din l-offerta kienet ghall-items kollha fil-BOQ filwaqt li l-offerta ta' ESS Ltd kien hemm xi items mhux ikkwotati, bir-rizultat:

Favur: 3 (NH, FD, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 12.5 FLC/Q/12/09 – Installazzjoni ta' Tizjin tal-Milied provdut mill-KLF

12.5.1 Il-Kunsill ma kellu l-ebda offerta dwar l-installazzjoni ta' tizjin tal-Milied.

## 12.6 FLC/Q/13/09 – Servizz ta' Accountancy

12.6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li din is-sejha kellha tigi kkancellata minhabba li dan is-sejha ma kenitx mehtiega.

## 12.7 FLC/Q/14/09 – Stampar tal-Magazin Evergreen

12.7.1 Il-Kunsill kellu ircieva kwotazzjonijiet minghand Bonnici's Press, Media Centre Ltd. u minghand Union Print Co. Ltd.

12.7.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-ghazla tal-kwotazzjoni ta' Bonnici's Press peress li kienet l-orhos offerta, bir-rizultat:

Favur: 3 (NH, ET, FD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 12.8 FLC/Q/15/09 Provvista u twahhil ta' fanali ornamentali tal-Cast-Iron

12.8.1 Il-Kunsill ircieva kwotazzjoni wahda minghand Anton Zarb.

12.8.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-ghazla ta' din il-kwotazzjoni bir-rizultat:

Favur: 3 (NH, FD, ET)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

12.8.3 Il-Kunsill iddecieda biex dawn il-fanali jitwahhlu ftit ftit fuq programm ta' sentejn peress li jiswew spiza konsiderevoli.

## 14.0 Bankini fi Triq il-Miratur

14.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li minhabba li l-MEPA qed tobbliga lill-Kunsill biex japplika ghall-bidla ta' dawn il-bankini, il-Kunsill irid jiehu decizjoni dwar jekk ghandux juza l-istess cangatura jew jekk ghandux juza cangatura gdida.

15.2 Il-Kunsill qabel unanimament biex il-Kunsill japplika biex il-bankini jinbiddlu u ghandu jintuza materjal tal-qawwi gdid filwaqt li c-cangatura l-antika tigi mahzuna.

## 16.0 Xiri ta' Automated External Defibrillator

16.1 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Vici-Sindku Franco Davies biex jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kien hu li talab biex din il-materja tkun fuq l-agenda.

16.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies spjega li kellu pjanat biex jigi espert halli jaghti spjegazzjoni dwar dan l-apparat izda dan l-espert ma setax jattendi.

16.3 Il-Kunsill iddecieda biex jaggorna din il-materja ghal darb'ohra wara li dan l-espert ikun iltaqa' mal-Kunsill.

## 17.0 Hwejjeg ohra

17.1 Il-Kunsillier Edward Torpiano staqsa jekk is-sotto-kumitat ghall-Ordni pubbliku, Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Pulizija jistax jinghata permess biex jiltaqa' mal-Agenzija tal-Gwardjani Lokali biex ikun jista' jaghmillu xi mistoqsijiet. Il-Kunsill approva u qabel li s-sotto-kumitat ghandu javza lill-Kunsilliera bid-dettalji tal-laqgha biex ikunu jistghu jattendu.

17.2 Is-Segretarju Ezekuttiv avza lill-Kunsill li l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili xtaqet li fl-iSports Day li ser tittella' nhar it-Tlieta 25 t'Awwissu, il-Kunsill jaghti medalja lil kull partecipant. Il-Kunsill approva.

Il-laqgha ntemmet fis- 7.30 p.m

| | |
|---|---|
| Nigel Holland<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Ezekuttiv |